# Finanzi Pubbliċi

Wieħed mill- għanijiet ewlenin tal-politika ekonomika tal-Gvern jibqa' dak li jiżgura r-restawr tas-sostennibilità fil-finanzi pubbliċi fi-zmien qasir. Dan hu meħtieġ darba li qagħda finanzjarja b'saħħitha hi prirekwiżit għal stabbilità macro-ekonomika. Il-Gvern qed iħares mill-qrib lejn il-qagħda finanzjarja tiegħu bil-għan li jieħu dawk il-miżuri xierqa biex issaħħaħha mingħajr skossi għall-ekonomija. Dan għandu jwassal għal sitwazzjoni fejn id-Dejn Pubbliku jikber b'rata anqas mit-tkabbir ekonomiku.

# Is-Sena Finanzjarja 2003

### Il-Fond Konsolidat

Meta, f'Novembru tas-sena l-oħra, ġew ippreżentati l-Estimi għal din is-sena, konna qed nistennew li s-sena 2002 tispiċċa b'defiċit ta' Lm78.5 miljuni. Prinċipalment minħabba dħul anqas milli kien mistenni, is-sena 2002 għalqet b'defiċit finanzjarju ta' Lm87.7 miljuni. Dan il-fattur ikkontribwixxa biex, din is-sena, ikun hemm varjazzjoni mill-istima oriġinali ta' defiċit ta' Lm74.8 miljuni, li dak inhar kien ekwivalenti għal 4.14% tal-Prodott Gross Domestiku, li kien mistenni jilħaq Lm1.8 biljuni.

Issa, id-defiċit finanzjarju qed ikun ikkalkulat li ser jitla' għal Lm108 miljuni. Billi l-prodott gross domestiku hu kkalkolat li jkun Lm1.7 biljuni, dan id-defiċit hu ekwivalenti għal 6.3% tal-Prodott Gross Domestiku. Tajjeb wieħed jinnota li, kieku ma sarx riprogrammar bis-serjeta' u filwaqt f'nofs din is-sena, ta' l-infiq fid-dipartimenti u entijiet tal-Gvern, kieku id-defiċit din is-sena kien jitla' għal 7.3% tal-Prodott Gross Domestiku.

Raġunijiet oħra li wasslu għad-defiċit ta' din is-sena huma:-

- l-avvenimenti li kellna fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena relatati mar-referendum u l-elezzjonijiet ġenerali;
- l-attività ekonomika relattivament kajmana b'riżultat dirett tas-sitwazzjonijiet internazzjonali;
- l-qabża fil-fondi neċessarji għall-pensjonijiet u fis-servizzi soċjali;
- iż-żieda fl-imgħaxijiet fuq id-dejn, minħabba ammont akbar ta' *bills* tat-Teżor għall-*cashflow* tal-Gvern, riżultat ta' dħul anqas u infiq akbar; u

- ir-ristrutturar tard tat-Tarznari u l-irtirar tal-ħaddiema ta' dawn l-ażjendi u ż-żieda sostanzjali fin-numru ta' vetturi tat-trasport pubbliku li bbenefikaw mis-sussidju tal-Gvern.

**Dħul**

Meta ġie ppreżentat il-*Budget* għal din is-sena, konna qed nistmaw dħul ta' Lm687 miljun minn taxxi u Lm84 miljun minn dħul ordinarju ieħor, Lm771 miljun b'kollox. Issa huwa stmat dħul ta' Lm668 miljun mit-taxxi u Lm73 miljun minn dħul ordinarju ieħor, Lm741 miljun b'kollox.

Filwaqt li hi mistennija żieda ta' Lm4 miljuni mit-taxxa tad-dħul, ser ikun hemm tnaqqis ta' Lm9 miljuni mill-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali, Lm3 miljuni mid-Dwana, u Lm6 miljuni mill-VAT.

Għar-rigward ta' dħul ordinarju ieħor, id-differenza ta' dħul anqas ta' Lm11-il miljun hi prinċipalment magħmula minn:

- Lm19-il miljun f'għotjiet, li kienu mistennija taħt il-Ħames Protokoll Finanzjarju ma' l-Italja, u mill-Unjoni Ewropea li issa ser jidħlu s-sena d-dieħla flimkien ma' l-ammont li kien mistenni oriġinarjament fl-istess sena. L-istess aġġustament qed isir fuq in-naħa ta' l-infiq; u

- Lm6 miljuni żieda fid-dħul, riżultat ta' l-estenzjoni ta' l-iskema tar-reġistrar ta' l-investimenti barranin.

**Infiq Rikurrenti**

Fil-bidu tas-sena, kien stmat li l-infiq rikurrenti, inkuż l-imgħax fuq is-self, kellu jlaħħaq Lm737 miljuni. Waslet biex tagħlaq is-sena u, globalment, din il-figura żdiedet b'Lm5 miljuni għal Lm742 miljuni.

Filwaqt li l-kategoriji tal-pagi u salarji u l-ispejjeż ta' l-operat fid-dipartimenti tal-Gvern baqa' fuq l-istess livelli oriġinali, il-kategoriji tal-programmi u l-inizjattivi u l-kontribuzzjonijiet lill-entijiet pubbliċi għaddew minn ċertu taqlib.

Taħt il-kategorija tal-programmi u inizjattivi kien hemm żieda ta' Lm5 miljuni, prinċipalment minħabba li –

- minn banda, kien hemm Lm5 miljuni żieda fil-pensjonijiet tat-Teżor, Lm7 miljuni żieda taħt il-benefiċċji soċjali, u Lm3 miljuni ntefqu aktar minħabba l-ispiża ta' l-iskemi ta' irtirar kmieni tal-ħaddiema tat-tarznari tas-sena l-oħra, u sussidji fuq il-qmuħ u fuq it-transport pubbliku;

- min-naħa l-oħra, sar tnaqqis ta' Lm5 miljuni fil-kontribuzzjoni ta' l-iStat tas-sigurta' soċjali, u Lm5 miljuni anqas fi programmi assoċjati mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, u li issa huma proġettati li jintużaw is-sena d-dieħla flimkien ma' dawk li kienu diġa allokati għal dik is-sena.

Bħala kontribuzzjoni lill-entijiet pubbliċi, intefqu Lm4 miljuni anqas mill-istima oriġinali minħabba sussidji anqas milli kien mistenni lil entijiet Governnattivi bħal *Malta Freeport*, il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp u t-*Technology Venture Fund*.

Għall-pagamenti ta' l-interessi fuq is-self, il-Gvern din is-sena ser ikun ħareġ Lm3 miljuni aktar mill-istima oriġinali, minn Lm60 miljun għal Lm63 miljun minħabba żieda fil-*bills* tat-Teżor u s-self ġdid li sar din is-sena.

**Infiq Kapitali**

L-istima oriġinali ta' Lm108 miljun issa ser tonqos għal Lm106 miljuni. Minn banda, kien hemm żieda qawwija ta' Lm3 miljuni fis-sussidji tal-karozzi tal-linja ġodda, għaliex ġew impurtati vetturi li kienu oriġinarjament mistennija fis-snin ta' wara. Infiq aktar ta' Lm7 miljuni ġie rreġistrat ukoll taħt l-isptar il-ġdid, l-immaniġġjar ta' l-iskart, it-tarzna tal-Marsa u investimenti tal-Gvern.

Qed jiġu wkoll ivvutati Lm4 miljuni oħra in konnessjoni ma' l-irtirar tal-ħaddiema ta' l-ex-Tarznari.

Imbagħad, iżda, ġie rreġistrat infiq anqas ta' Lm14-il miljun fi proġetti ffinanzjati taħt il-Protokoll Taljan, li ġej fis-seħħ aktar tard milli kien oriġinarjament mistenni, u Lm1 miljun fi proġetti simili ffinanzjati mill-fondi li nagħtaw lil Malta mill-Unjoni Ewropeja sa minn qabel Malta ssir membru. Dawn ukoll mistennija jiġu utilizzati s-sena d-dieħla.

Aktar dettalji fuq id-dħul u l-infiq, kemm dak rikurrenti kif ukoll dak kapitali, għas-sena 2003, qed jingħataw fl-*iStatements* mehmuża ma' dan id-diskors.

## Is-Sena Finanzjarja 2004

Filwaqt li din is-sena, kif ġie spjegat aktar qabel, il-Fond Konsolidat mistenni jispiċċa bi żbilanċ finanzjarju ta' Lm108 miljuni, jew sitta fil-mija (6.3%) tal-Prodott Gross Domestiku, is-sena d-dieħla, dan mistenni jinżel għal Lm95 miljun, jiġifieri, tnaqqis ta' tnax fil-mija (12%). Dan jissarraf ukoll f'ħamsa punt erba' fil-mija (5.4%) tal-Prodott Gross Domestiku.

**Dħul**

Id-dħul, is-sena d-dieħla, ser jitla' għal Lm843 miljun, żieda ta' Lm102 miljuni, li kważi nofshom ġejjin minn għotjiet barranin, jiġifieri, Lm18-il miljun mill-Italja, taħt il-Ħames Protokoll Finanzjarju bejn Malta u l-Italja, u Lm30 miljun minn sorsi different, grazzi għall-proċess tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja u għall-fatt li Malta attwalment ser tifforma parti minn din l-Unjoni.

Tajjeb hawn wieħed jinnota li, fil-każ tal-VAT, filwaqt li hu mistenni dħul aktar ta' Lm21 miljun permezz ta' l-aġġustament fir-rata, il-Gvern ser jirrikordja dħul anqas għal sena waħda ta' madwar Lm15-il miljun minħabba l-fatt li, mill-1 ta' Mejju, 2004, mhux ser jibqa' jinġabar VAT mid-Dwana fuq importazzjoni mill-Unjoni Ewropeja. Dan ser jgħin mhux ftit fil-*cashflow* tan-negozjanti mhux biss għal sena waħda iżda ta' kull sena. Hu mistenni wkoll li, kif ġara fis-snin li għaddew, madwar Lm9 miljun jiżdiedu b'riżultat taż-żieda fl-attivita' ekonomika u l-infurzar tal-liġi, u b'investigazzjonijiet fejn meħtieġ.

Mit-taxxa tad-dħul nistennew żieda ta' Lm10 miljuni, minħabba l-fatt li kemm id-dħul aktar ta' individwi u kumpaniji u kemm l-effett ta' l-infurzar tal-liġi jiġu riflessi fiż-żieda li d-Dipartiment tat-Taxxi Nterni jirrikordja minn sena għall-oħra.

Mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali, hu stmat li ż-żieda tkun ta' Lm5 miljuni, li minnhom kważi Lm2 miljuni huma kontribuzzjoni ta' l-Istat. Din iż-żieda tirrifletti biss il-parti tal-kontribuzzjoni mid-dħul aktar li jgawdu minnu ndividwi s-sena d-dieħla.

Żieda ta' Lm6 miljuni, minn Lm63 miljun għal Lm69 miljun, hi mistennija mis-Dwana. Ir-raġuni ewlenija għal din iż-żieda hi l-aġġustament fir-rata tas-Sisa fuq sigaretti u tabakk. Iż-żieda li tiġi rikordjata minn sena għal sena riżultat ta' żieda fl-importazzjoni u l-valur ta' l-oġġetti hu wkoll rifless fl-ammont mistenni s-sena d-dieħla.

Minn dħul fuq taxxi, hemm, fl-aħħarnett, l-Liċenzji u Taxxi Mixxellanji. Minn Lm87 miljun din is-sena, qed nistmaw li s-sena d-dieħla jiġi reġistrat dħul minn dawn l-għejjun ta' Lm108 miljuni, żieda ta' Lm21 miljun, magħmula prinċipalment minn hekk:

- Lm800,000 mil-liċenzji fuq is-settijiet tat-televiżjoni, li sa din is-sena kienu jibqgħu għand il-*P.B.S. Ltd*;
- Lm12-il miljun minn taxxi fuq logħob u dħul mil-lotteriji, li parti minnu hu dovut mil-liċenzja lill-kumpanija li ser topera l-logħob f'Malta;
- Lm10 miljuni mill-boll fuq id-dokumenti, riżultat ta' attivita' aktar ħajja fin-negozju tal-propjeta' u l-applikazzjoni tal-liġi fejn jidħlu kumpaniji u trasferimenti;

- Lm2 miljuni żieda mir-reġistrazzjoni tal-vetturi b'riżultat ta' aġġustament fil-*minimum* imħallas fuq l-importazzjoni ta' karozzi privati wżati;
- Fl-aħħarnett, iżda, hu stmat li s-sena d-dieħla l-Gvern jiġbor Lm4 miljuni anqas permezz tat-tneħħija tal-*levies* fuq oġġetti mpurtati.

Meta wieħed jeżamina d-dħul minn għejjun ordinarji u li jeskludi t-taxxi, isib li ż-żieda bejn din is-sena u s-sena d-dieħla tammonta għal kważi Lm44 miljun. Filwaqt li hu mistenni tnaqqis minħabba d-dħul din is-sena ta' '1 fuq minn Lm6 miljuni, permezz ta' l-iskema tar-reġistrazzjoni ta' investimenti barranin, u Lm8 miljuni minn profitti anqas mill-Bank Ċentrali ta' Malta, mistennija żieda kif ġej:

- Lm2 miljuni bħala eko-kontribuzzjoni fuq ċerti *containers;*
- Lm1 miljun minn parti mill-pensjoni ta' residenzi fi djar ta' l-anzjani finanjati mill-Istat u li kontriha qed jidher infiq kapitali u rikurrenti għad-djar ta' l-anzjani;
- Lm1.5 miljun dħul mill-Korporazzjoni Enemalta u l-*Gozo Channel*;
- Lm48 miljun (id-differenza bejn Lm3 miljuni din is-sena u Lm51 miljun fl-2004) għotjiet taħt il-Protokol Finanzjarju ma' l-Italja (Lm18-il miljun) u għotjiet mill-Ewropa (Lm30 miljun). L-ammont ta' dħul ta' Lm51 miljun tas-sena d-dieħla tikkonsisti fil-parti marbuta ma' proġetti u programmi, li l-ispiża tagħhom tidher ukoll taħt infiq rikurrenti u kapitali, ta' Lm18-il miljun permezz tal-Protokol Taljan u ta' Lm12-il miljun permezz ta' fondi mill-Ewropa, u l-parti ta' għotja mingħajr irbit ta' Lm21 miljun mill-Ewropa wkoll.

Minn dħul mixxellanju, mistennija żieda ta' Lm5 miljuni prinċipalment minn żvilupp ta' proġetti u bejgħ ta' art u propjeta' (bħall-*White Rocks*).

Għall-iffinanzjar tad-defiċit, il-Gvern, is-sena d-dieħla, jistma li jkun f'pożizzjoni li jdaħħal Lm35 miljun permezz ta' privatiżżazzjoni ta' ishma f'intrapriżi ta' l-Istat u Lm9 miljun minn *sinking funds* ta' self lokali kkonvertit. Lm12-il miljun qed jidhru bħala self barrani mill-Kunsill ta' l-Ewropa biex jiffinanzja nfiq għall-Isptar *Mater Dei*.

**Infiq Rikurrenti**

Din is-sena l-ispiża rikurrenti, meta wieħed jaqta' barra l-kontribuzzjonijiet tas-sinking funds, ser tkun ta' Lm742 miljuni. Għalkemm is-sena d-dieħla din il-figura mistennija titla' għal Lm811 miljun, żieda ta' Lm69 miljun, tajjeb wieħed jinnota li parti sostanzjali minn din iż-żieda hi magħmula minn Lm49 miljun fi programmi u inizjattivi tal-Gvern, Lm7 miljun f'kontribuzzjonijiet lill-entijiet Governattivi, Lm9 miljuni f'imgħaxijiet fuq self u Lm2 miljuni kontribuzzjoni ta' l-Istat għas-Sigurta' Soċjali.

Għar-rigward ta' pagi u salarji, il-Lm200 miljun tas-sena d-dieħla qed jeskludu Lm3.5 miljuni dħul tal-ħaddiema fit-Taqsima tad-Drenaġġ, Malta u Għawdex, li qabel kienu jidhru taħt il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura u l-Ministeru għal Għawdex, imma jinkludu l-effetti tal-Ftehim Kollettiv tal-2002 (Lm4.5 miljuni) u ż-żidiet ta' l-*increments* tal-ħaddiema (Lm2 miljuni).

Taħt l-ispejjeż ta' l-operat tad-dipartimenti hemm żieda ta' Lm2 miljuni għall-mediċini fl-isptarijiet. Iżda, bl-iskop li n-nefqa in ġenerali f'din il-kategorija tkun imrażżna, iż-żieda globali hi biss ta' Lm1 miljun, u dan meta d-dipartimenti jkollhom ukoll jassorbu ż-żieda fir-rata tal-VAT is-sena d-dieħla.

Taħt il-kategorija ta' programmi u inizzjattivi, kif ġie indikat diġa', iż-żieda minn sena għall-oħra tammonta għall-Lm49 miljun. Ir-raġunijiet ewlenin huma:

- Lm18-il miljun - il-kontribuzzjoni ta' Malta Unjoni Ewropea;
- Lm4 miljuni – programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, li d-dħul pariġġu jidher bħala għotjiet;
- Lm7 miljuni – kumpens mill-Gvern biex ipatti għall-effett taz-zieda fir-rata tal-VAT;
- Lm7 miljuni – sussidju fuq iċ-ċerejali, zokkor, prodotti tal-laħam u tal-ħalib u prodotti tat-tadam semi-proċessati;
- Lm7 miljuni – benefiċċji soċjali u pensjonijiet tat-Teżor;
- Lm2 miljuni – il-parti tan-nefqa rikurrenti għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għall-immaniġġjar ta' l-iskart;
- Lm2 miljuni – kontribuzzjoni ta' l-Istat minħabba żieda fid-dħul mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali;
- Lm1 miljun – għajnuna lill-bdiewa u raħħala, li fl-2003 kienet tammonta għal Lm4.6 miljuni u fl-2004 ser titla' għal Lm6 miljuni; u
- Lm1 miljun – pensjonijiet għal min għażel ċerti skemi ta' irtirar kmieni mit-Tarznari.

Tajjeb hawn wieħed jinnota li, taħt din il-kategorija ta' nfiq, l-Ewropa ser tiffinanzja xejn anqas minn b'kemm jiswew Lm6 miljuni programmi taħt diversi Ministeri.

Għalkemm iż-żieda ta' Lm7 miljuni fil-kontribuzzjonijiet lill-entijiet pubbliċi tidher konsiderevoli, meta wieħed jeżaminaha bir-reqqa, jsib li, fil-maġġoranza tagħha, mhi xejn ħlief trasferiment ta' ammonti li qabel kienu jidhru band'oħra. Hemm, per eżempju, żieda fl-ispiża ta' Lm8 miljuni, riżultat ta' l-amalgamazzjoni tat-Tarznari. Lm4 miljuni jirreferu għad-Direttorat il-ġdid tad-Drenaġġ fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, li qabel kienu jidhru bħala pagi, salarji u *allowances* u operat.

Lm2.5 miljuni qed jiġu vvutati bħala spiża netta għall-kumpanija l-ġdida *Industrial Projects and Services Ltd*, li tiġbor fiha dawk il-ħaddiema tat-tarznari li mhumiex fil-*Malta Shipyards Ltd* u ma għażlu l-ebda skema ta' irtirar mix-xogħol.

Imbagħad qed jiġu rreġistrati żidiet sostanzjali għall-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Lm1 miljun fuq il-Lm2.6 miljuni ta' din is-sena, Lm1 miljun għat-*Technology Venture Fund* u Lm1 miljun lill-Awtorita' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, biex tkun tista' taqdi d-doveri ġodda tagħha fil-qasam sensittiv ta' l-ambjent.

Kontra dawn iż-żidiet, hemm tnaqqis ta' Lm12-il miljun sussidju li din is-sena ġie mogħti lill-*Malta Drydocks*.

Għall-imgħaxijiet fuq id-dejn pubbliku, qed tiġi reġistrata żieda ta' kważi Lm9 miljuni, minn Lm63 miljun din is-sena għal Lm72 mijun is-sena d-dieħla, biex tkopri l-imghaxijiet fuq *Bills* tat-Teżor, l-istocks tal-Gvern maħruġa din is-sena u s-self li sar din is-sena mill-Kunsill ta' l-Ewropa għall-proġett ta' l-Isptar il-Ġdid *Mater Dei*.

## Infiq Kapitali

Il-qabża ta' Lm21 miljun minn din is-sena għas-sena d-dieħla f'infiq kapitali ċertament hi waħda mhux tas-soltu. Minn Lm106 miljuni din is-sena, qed jiġu vvutati Lm127 miljun għas-sena d-dieħla. Hawn, iżda, irid jiġi emfasiżżat li parti sostanzjali miż-żieda msemmija qed tiġi ffinanzjata f'forma ta' għotjiet minn sorsi barranin kif ser jiġi spjegat.

B'kemm jiswew Lm18-il miljun fi proġetti fejjieda qed jiġu ffinanzjati permezz tal-Protokol Finanzjarju ma' l-Italja għal toroq ġodda (Lm8 miljuni), tisfija tad-drenaġġ (Lm2 miljuni), faċilitajiet fil-biċċerija (Lm2 miljuni), tagħmir marittimu wżat mill-Forzi Armati (Lm4 miljuni) u fornitura għall-Isptar Mater Dei (Lm2 miljuni).

Ma' dawn iridu jiżdiedu Lm5 miljuni mill-Unjoni Ewropeja li ser jiffinanzjaw proġetti infrastrutturali fil-qasam tat-trasport, ambjent, edukazzjoni u taħriġ, agrikoltura u sajd, industrija u turiżmu. Dawn il-fondi huma maqsuma f'Lm1 miljun magħrufa bħala *Pre-Accession Funds* u Lm4 miljuni fondi strutturali u ta' koezjoni.

Wieħed ma jistax ma jsemmix hawn iż-żieda fin-nefqa fuq l-Isptar Mater Dei ta' Lm15-il miljun, li minnhom Lm2 miljuni qed jiġu ffinanzjati taħt il-Protokoll Finanzjarju ta' l-Italja. Din iż-żieda hi neċessarja għall-fatt li issa l-proġett avvanza u wasal fi stadju li jilqa' fih l-attrezzatura meħtieġa. S'intendi, sadanittant il-Gvern mhux ser joqgħod lura milli jkompli jindokra l-isptarijiet l-oħra u li għalihom qed jivvota kważi Lm1 miljun.

Mill-banda l-oħra, taħt il-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Investimenti qed jiġu vvutati Lm9 miljuni anqas li din is-sena qed jintefqu prinċipalment fuq it-Tarznari. Mat-Lm3 miljuni ser jintefqu anqas is-sena d-dieħla minħabba l-fatt li l-maġġoranza tal-karozzi tal-linja, li qed jinbidlu b'sussidju mill-Gvern, laħqu ġew din is-sena.

Spejjeż oħra ta' darba li mhux ser jirrepetu ruħhom u li jammontaw għal Lm3 miljuni jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern u l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin,

**Il-Fond Konsolidat**

B'hekk, kif ġie diġa' spjegat, is-sena d-dieħla l-iżbilanċ finanzjarju ser jiġi kkontrollat għal Lm95 miljun, li jammonta għal ħamsa punt erba' fil-mija (5.4%) tal-prodott gross domestiku. Dan id-defiċit mistenni jonqos b'ritmu ta' Lm20 miljun fis-sena biex, fl-aħħar ta' l-2006, jinżel għal Lm52 miljun, jew anqas minn tlieta fil-mija (3%) tal-prodott gross domestiku.

**Il-Gvern Ġenerali**

Kuntrarju għall fondi u kontijiet oħra miżmuma jew amministrati mill-Gvern, il-Fond Konsolidat jiġbor sistema ta' kkuntjar u kontroll fuq il-ġbir ta' dħul u l-amministrazzjoni tan-nefqa approvata kull sena mill-Parlament. Flimkien mad-dħul u l-ħruġ tal-Gvern Ċentrali rrekordjati fil-Fond Konsolidat, dawn l-aħħar snin ingħatat importanza wkoll għall-mod kif dawn ikunu klassifikati skond il-*European System of Accounts* (ESA '95). Barra dan, it-tbassir li tkellimt fuqu aktar qabel qed ikun maħdum biex jirrifletti aħjar l-użu ta' din il-metodoloġija nternazzjonali li qed issir obbligatorja għal ħafna pajjiżi.

Dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-bilanċi ta' Gvern li mhux biss hu l-Gvern Ċentrali iżda wkoll wieħed estiż. Dan ikun magħruf bħala l-Gvern Ġenerali. L-ikkuntjar ta' transazzjonijiet tal-Gvern estiż jew Gvern Ġenerali jinkludi wkoll id-dħul u l-ħruġ kif ukoll l-iżbilanċ u d-dejn ta' numru ta' entijiet pubbliċi li jkunu jiffurmaw parti ntegrali mill-Gvern. Qed nirreferi għal dawk l-entijiet pubbliċi li mhux anqas minn 50 fil-mija tad-dħul tagħhom ġej mill-Gvern Ċentrali.

Barra l-Kunsilli Lokali, dawn l-entijiet pubbliċi, jinkludu numru kbir ta' entijiet sew li għandhom funzjoni amministrattiva jew regolatorja, bħalma huma bordijiet, kummissjonijiet, u tribunali, kemm ukoll dawk ta' natura kummerċjali jew kważi kummerċjali.

Id-dħul u l-ħruġ ta' dawn l-entijiet pubbliċi kollha ġie pprogettat fuq bażi annwali għas-snin 2004 – 2006 u r-riżultat żdied ma' dak tal-Fond Konsolidat. B'hekk inħareġ il-bilanċ tal-Gvern estiż jew Gvern Ġenerali li jagħti stampa sħiħa tad-defiċit u tad-dejn tiegħu.

F'termini assoluti, id-defiċit tal-Gvern estiż jew Gvern Ġenerali fl-2003 mistenni jkun Lm109.7 miljun u mistenni jinżel għal Lm58.6 miljun fl-2006. Dan id-defiċit bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku, mistenni jinżel sena wara l-oħra minn

6.2% din is-sena għal madwar 3.0% fl-2006. Dan iseħħ sew b'riżultat tat-tkabbir mistenni fl-ekonomija ta' pajjiżna kif ukoll tat-trażżin tan-nefqa tal-Gvern u żieda fid-dħul tiegħu. Kif diġa għedt, ix-xejra 'l fuq ta' mgħaxijiet se tkompli matul is-snin li ġejjin. Din se jkollha mpatt aktar għoli fuq id-dejn tal-Gvern.

It-tabella t'hawn taħt turi l-passaġġ mid-defiċit tal-Fond Konsolidat għad-defiċit tal-Gvern estiż jew Gvern Ġenerali.

| **Trasferiment tad-Defiċit tal-Fond Konsolidat għad-Defiċit tal-Gvern Ġenerali** *(Lm '000s)* | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2002** | **2003** | **2004** | **2005** | **2006** |
| **Defiċit ta' transazzjonijiet tal-Fond Konsolidat** | **-87,675** | **-107,624** | **-94,805** | **-73,316** | **-52,218** |
| Aġġustament fil-Fond Konsolidat: Għotjiet mogħtija | 9,539 | 9,000 | 4,100 | 3,600 | 3,300 |
| Għotjiet imħallsa lura | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Akkwist ta' ishma | 35 | 35 | 35 | 35 | 35 |
| Bejgħ ta' ishma | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Transazzjonijiet finanzjarji oħra | -397 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Dħul ieħor(+)/payable(-) | -803 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Differenza bejn imgħaxijiet (+) u imgħaxijiet dovuti (-) | 361 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Self Net(-)ta' entijiet pubbliċi li jiffurmaw parti mill-Gvern Ġenerali** | **-11,123** | **-14,721** | **-14,721** | **-14,721** | **-14,721** |
| Aġġustamenti oħra (+/-) | -127 | -200 | 1,200 | 1,200 | 1,200 |
| | 4,245 | 3,000 | 3,000 | 3,000 | 3,000 |
| | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 |
| | 11,287 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Defiċit tal-Gvern Ċentrali (-)** | **-105,720** | **-11,508** | **-11,191** | **-80,202** | **-59,404** |
| Kunsilli Lokali | 890 | 850 | 850 | 850 | 850 |
| **Defiċit tal-Gvern Ġenerali (-)** | **-104,830** | **-109,658** | **-100,341** | **-79,352** | **-58,554** |
| Prodott Gross Domestiku | 1,680.40 | 1,705.06 | 1,764.74 | 1,826.50 | 1,899.56 |
| **Defiċit/Prodott Gross Domestiku** | **6.24%** | **6.43%** | **5.68%** | **4.34%** | **3.08%** |

L-aġġustamenti fil-Fond Konsolidat qed isiru biex jagħtu każ ta' transazzjonijiet li saru fih meta ma kellhomx u allura qed jissaffa minnhom biex jirrifletti l-qagħda b'mod aktar reali. Fost dawn l-aġġustamenti insibu:

- is-self maħruġ mill-Fond Konsolidat lit-Tarznari (sal-2003) u lill-Gozo Ferries Co. Ltd. biex din tal-aħħar tkompli tħallas id-djun tagħha miġjub mix-xiri tal-materjal u tgħamir għall-bini tat-tliet vapuri t'Għawdex. Is-self tat-Tarznari se jieqaf mis-sena d-dieħla u s-sussidji se jitkomplu b'mod ridott gradwalment;
- id-defiċit ta' entijiet pubbliċi li jiffurmaw parti mill-Gvern Ġenerali;
- it-transazzjonijiet ta' l-Advances li nħarġu mit-Treasury Clearance Fund, li għal din is-sena għadhom qed jiġu pproċessati mit-Teżor; u
- il-bilanċ favorevoli li għandhom il-Kunsilli Lokali kollettivament.

Minn dan, id-defiċit tal-Gvern Ġenerali jirriżulta li din is-sena se jitla' għall-Lm109.7 miljun, fl-2004 għal Lm100.3 miljun, fl-2005 għal Lm79.3 miljun u fl-2006 għal Lm58.6 miljuni.

Bħala perċentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku dan juri li fl-2003 id-defiċit tal-Gvern Ġenerali se jkun 6.43%, is-sena d-dieħla 5.68%, fl-2005 se jkun 4.34% u fl-2006 se jkun 3.08%.

**Finanzjament ta' Defiċit tal-Gvern Ġenerali**

Il-mod kif jiġi finanzjat id-defiċit tal-Gvern hu ta' importanza għat-tħaddim tal-politika fiskali għax kull metodu ta' finanzjament għandu l-effetti u l-ispejjeż partikulari makro-ekonomiċi.

F'Malta il-Gvern jiffinanzja d-defiċit tiegħu bil-ħruġ ta' stocks fis-suq lokali: ftit jew xejn isir self minn barra biex ikun iffinanzjat id-defiċit. Tabilħaqq, filwaqt li s-self lokali jilħaq madwar 96% tad-dejn pubbliku, is-self minn barra jilħaq madwar l-4% l-oħra.

Kif għedt aktar qabel is-self lokali jagħti ċans lill-Gvern biex jibbilanċja d-defiċit tiegħu mingħajr ma jżid il-bażi monetarja jew inaqqas mir-riżervi nazzjonali. Dan ma jżidx l-inflazzjoni u l-anqas l-impatt fuq ir-riżervi esterni.

Id-Defiċit tal-Gvern Ġenerali mistenni wkoll ikun ffinanzjat l-ewwelnett minn dħul minn bejgħ ta' assi li fis-sena 2004 mistennija jilħaq madwar Lm35 miljun. Pjanijiet oħra tal-Gvern għal aktar privatiżżazzjoni fis-sentejn ta' wara mistennija jirrendu madwar Lm50 miljun kull sena fl-2005 u fl-2006. Dħul ieħor għall-Gvern li bih jiffinanzja d-defiċit jieħdu minn bilanċi mhux utiliżżati fis-Sinking Funds ta' stock li se jkunu konvertiti.

Dan id-dħul globali jnaqqas il-ħtieġa ta' self mill-Gvern. B'hekk is-self tal-Gvern Ġenerali hu kkalkulat li jitla' għal Lm70 miljun is-sena d-dieħla, Lm38 miljun s-sena ta' wara u Lm16-il miljun fl-2006.

Kif jidher mit-tabella hawn taħt dan is-self mistenni jtella' d-Dejn Pubbliku għal Lm1.2 biljun fl-2004, Lm1.3 biljun fl-2005 li jibqa' f'dan il-livell fl-2006.

B'hekk il-persentaġġ tad-Dejn Pubbliku għall-Prodott Gross Domestiku se jitla' minn 68.9% din is-sena għall-70.5% fl-2004 u fl-2005 u jinżel għal 68.4% fl-2006.

| | **2002(A)** | **2003(R)** | **2004(P)** | **2005(P)** | **2006(P)** |
|---|---|---|---|---|---|
| Defiċit tal-Gvern | 104.830 | 109.658 | 100.341 | 79.352 | 58.554 |
| Finanzjament | | | | | |
| Self minn barra | (3,991) | (5,845) | (7,396) | (7,297) | (6,749) |
| Self Lokali | (6,908) | (6,571) | (6,372) | (5,281) | (4,811) |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Bejgħ ta' assi | 27,341 | 0 | 35,000 | 50,000 | 50,000 |
| Sinking Funds ta' Self Konvertit | 13,250 | 4,600 | 9,000 | 4,000 | 4,000 |
| **Total** | **28.745** | **8.816** | **30.232** | **41.422** | **42.440** |
| Ħtieġa ta' self | 76.085 | 100.842 | 70.109 | 37.930 | 16.114 |
| **Bilanċ tad-Dejn u Pubbliku** | | **1,175.215** | **1,245.324** | **1,288.254** | **1,299.368** |
| Prodott Gross Domestiku | 1,705.06 | 1,764.74 | 1,826.50 | 1,899.56 | |
| **Dejn Pubbliku/PGD** | | **68.9%** | **70.56%** | **70.50%** | **68.40%** |